**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru 2021**

**Talba Nru: 243/20 CZ**

**Argus Insurance Agencies Ltd (C597) u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2021 l-isem Argus Insurance Agencies Ltd (C597) gie sostwit bl-isem Argus Insurance Company (Europe) Ltd. (OC 1216), u Vincent Sammut**
**vs.**

**Isaac Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-19 t'Ottubru 2020 li biha premettiet:

1. Illi s-socjeta' Argus Insurance Agencies Ltd. kienet harget polza t'assigurazzjoni favur ir-rikorrenti l-iehor Vincent Sammut, sabiex tkopri l-vettura propjeta' tieghu bin-numru ta' registrazzjoni GBI 792;
2. Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju 2019, Vincent Sammut ipparkja din il-vettura vicin/taht sit ta' kostruzzjoni li jappartjeni lill-intimat Isaac Mallia, li jinsab fi Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera;
3. Illi waqt illi l-vettura kienet ipparkjata f'dan il-post, injama mill-imsemmi sit ta' kostruzzjoni waqghet fuq il-vettura tar-rikorrenti (rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bhala Dok. AIA1) u kkawzatilha hsarat ammontanti ghal erba' mija u tmienja u sebghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€478.84) (kopja tas-survey report immarkat bhala Dok. AIA2 u kopja tal-ircevuti relattivi mmarkati bhala Dok. AIA3);
4. Illi s-socjeta' Argus Insurance Agencies Ltd. hallset lil Vincent Sammut taht il-polza t'assigurazzjoni tieghu u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu kontra l-intimat. Vincent Sammut hallas l-ammont ta' mitt Euro bhala 'excess'.
5. Is-socjeta' Argus Insurance Agencies Ltd. hallset ukoll l-ammont ta' €47.20 sabiex baghtet ittra legali lill-intimat;
6. Illi l-ammont totali dovut lir-rikorrenti huwa dak ta' hames mija sitta u ghoxrin Euro u erba' centezmi (€526.04);
7. Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni hawn fuq imsemmija, permezz ta' ittra legali datata t-18 t'Awwissu 2020, huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kellhom jifthu din il-kawza odjerna sabiex jottjenu l-hlas tas-somma ta' hames mija sitta u ghoxrin Euro u erba' centezmi (€526.04), bl-imghax u bl-ispejjez legali u gudizzjarji, mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta.

Ra l-affidavit tal-attur Vincent Sammut[1], u sema' x-xiehda ta' Walter Vella[2], PS 1243 George Polidano[3], PC 299 Damien Cilia[4], u John Camilleri[5].

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi l-attur **Vincent Sammut** xehed kif fl-1 ta' Mejju 2019 kellu l-vettura tieghu ipparkjata fi Triq il-Blata l-Kahla, f'Santa Venera u kmieni wara nofsinhar, it-tifel tieghu mar biex juza l-istess karozza, u sab injama daqs pied b'musmar tal-azzar fiha, imdahhla bejn il-windscreen u l-bastun. Il-windscreen kien mifqugh. Irrizulta illi kien hemm sit ta' kostruzzjoni fil-qrib u l-attur haseb li bi probabilita', peress li kien ir-rih, dik l-injama waqghet minn dak is-sit ta' kostruzzjoni. L-attur stenna lis-sid biex jigi, izda ma giex, u mbaghad ghamel rapport l-Ghassa, fejn il-Pulizija cemplu lill-konvenut. L-attur fetah 'claim' mal-assigurazzjoni tieghu, is-socjeta' attrici, il-hsara ssewwiet, u kellu jhallas mitt Euro (€100) excess. L-atturi esebew ir-ricevuti tal-ispejjez minfuqa sabiex sar ix-xoghol tat-tiswija kif ukoll ghall-kiri ta' karozza.

[1] Fol. 30
[2] Fol. 66
[3] Fol. 68
[4] Fol. 70
[5] Fol. 80

Ix-xhud **Walter Vella**, is-surveyor, ikkonferma is-survey report li pprepara, filwaqt li **PS 1243 George Polidano** u **PC 299 Damien Cilia** xehdu illi ma kinux marru fuq il-post izda raw ritratt tal-hsara, u dan tal-ahhar ikkonferma r-rapport ta' Vincent Sammut u esebixxa l-okkorrenza. Ix-xhud **John Camilleri** mis-socjeta' attrici spjega li l-hlas li ghamlet l-istess socjeta' lill-attur l-iehor Vincent Sammut kien ta' erba' mija u tmienja u sebghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€478.48).

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-attur Vincent Sammut xehed illi l-karozza in kwestjoni kienet ipparkjata qrib sit ta' kostruzzjoni. Dan kien mghotti b'xibka hadra, li izda kienet qed tperper minhabba li kien ir-rih. Il-konvenut issottometa illi ma kien hemm l-ebda xhud li ra din l-injama taqa' fuq il-karozza, u ssottometta wkoll illi li kieku din l-injama waqghet minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni, kienet issir hsara ikbar. It-Tribunal izda jikkonsidra illi f'dan il-kamp ma jehtiegx necessarjament illi jkun hemm xhud okulari li jara propju l-injama taqa' fuq il-karozza, sabiex ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni dwar ir-responsabbilta'. Huwa bizzejjed ghat-Tribunal illi jistabbilixxi, fuq bazi ta' probabilita' li l-injama in kwestjoni waqghet fuq il-karozza u ghamlet il-hsara in kwestjoni. Lanqas ma huwa minnu dak li ssottometta l-konvenut illi li kieku l-injama waqghet mis-sit ta' kostruzzjoni, kienet taghmel hsara ikbar. Ta' min jghid illi l-hsara li saret ma kinitx zghira, ghaliex fil-fatt il-windscreen tal-karozza infaqa'.

Illi mill-provi prodotti, partikolarment minn dak li xehed Vincent Sammut, li kien fuq il-post meta giet skoperta l-hsara, jirrizulta illi bi probabilta' din l-injama waqghet mis-sit ta' kostruzzjoni vicin. F'dan ir-rigward ix-xhud PC 299 Damien Cilia xehed illi l-konvenut kien qal illi ha jirranga kollox bl-insurance, u la cahad ir-responsabbilta', u lanqas iddikjara li mhuwiex sid tas-sit ta' kostruzzjoni de quo. Il-konvenut fil-fatt il-Pulizija kellmuh mall-ewwel wara li giet skoperta l-hsara, u mhuwiex minnu illi sar jaf bl-incident iktar minn sena wara li sehh, kif hemm indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi fuq bazi ta' probabilita' it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-indikazzjonijiet maghmula mill-attur Vincent Sammut huma veritieri u ma jisthoqqilhomx jigu skartati, u illi ghalhekk gie pruvat in-ness bejn il-hsara li saret bl-injama in kwestjoni, u l-attivita' tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sitta w ghoxrin Euro u erba' centezmi (€526.04) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur